KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037
MALTA

SLIEMA LOCAL COUNCIL
81 Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037.
Malta

Telephone: +356 2133 7633
E: sliema.lc@gov.mt
W: sliemalc.gov.mt/en/

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAL-GĦAXAR LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 7

Is-Seba' seduta tal-għaxar leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tnejn 10 ta' Diċembru 2024 fis-6pm ġewwa The Victoria Hotel, Triq Gorg Borg Olivier, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Joe Aquilina | Kunsillier |
| | Wallace Baldacchino | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Ryan Borg | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Jacqueline Higgins | Kunsillier |
| | Vivienne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Zack Zammit | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Muscat | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċċjali Prinċipali |

***Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:20pm:***

7.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 6;

7.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

7.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

7.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;

7.6 Approvazzjoni ta' QR 3

7.7 Approvazzjoni għal post vakant għal skrivan/a (skala 15)

7.8 Approvazzjoni għal trasferiment ta' fondi minn skema SPI/SCI/06/2020 għal skema SPI/SCI/02/2021

7.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;

7.10 Mozzjonijiet;

7.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

## 7.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

**7.1.1** Il-Kunsill rċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-kunsillier D Muscat.

**Il-laqgħa ġiet sospiża fis-6:22pm biex tiġi ppreżentata proġett mil-perit Mintoff**
*Il-Kunsillier W Baldacchino ġie skużat għax ħassu ma jiflaħx u telgħaq mill-laqgħa fis-6:44pm*
***Is-seduta kompliet fis-6:46pm***
**Kien hemm qbil unanimu għal proġett li ppreżenta l-Perit Mintoff**

## 7.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 6;

7.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħa numru 6 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Approvazzjoni Minuti

Il-Kunsillier E. Borg ippropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti u kien s-sekondat mill-kunsillier R Borg.

**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti.**

## 7.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU;

7.3.1 **Ticket Booths:** *Ticket booths*

Is-Sindku qal li l-kwistjoni tat-tneħħija tat-*ticket booths* għada għaddejja u fil-fatt kien ser ikollu laqgħa mal-Ministeru tat-Turiżmu fit-22 ta' Novembru fejn ser tiġi diskussa l-loġistika u l-pjan ta' azzjoni.

- Il-Viċi Sindku saqsa minn ser ikun il-propjetarju tat-*ticket booths*, il-KL, l-MTA jew l-operaturi?
- Is-Sindku wieġeb li l-MTA ser ikunu responsabbli tat-*ticket booths.*

Is-Sindku saqsa jekk kien hemm qbil mill-kunsilliera preżenti jekk l-awtoritajiet jitolbu sabiex tiġi emendata l-parti tal-bye-law dwar it-ticket booths, fejn tgħid li; *l-operaturi jistgħu ikollhom tlett ticket booths kull wieħed*

**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti.**

7.3.2 **Proġett tat-tisbiħ mill-privat ta' Triq Tony Nicholls**

Is-Sindku talab li l-laqgħa tiġi sospiża sabiex il-kunsillieri preżenti jiltaqgħu fi stadju ta' kumitat.

Wara li ġie ppreżentat il-proġett ta' tisbiħ ta' Triq Tony Nicholls mill-Perit Mintoff bħala rappreżentant tal-lukanda 1926 Le Soleil Hotel and SPA, is-Sindku ressaq dan il-proġett għall-approvazzjoni tal-kunsillieri preżenti.

**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti fuq il-prinċipju tal proġett. Aktar dettal ha jkun magħruf waqt il- proċess t'applikazjoni mal-PA.**

7.3.3 **Proġett Riġenerazzjoni Ġnien George Bonello Du Puis**

Is-Sindku qal li wara diskussjonijiet li kellu mal-MIDI plc ġie ffirma*t maintenance agreement* dwar il-play equipment għal ħames snin b'investiment totali ta' EUR10,148 mill-istess kumpanija.

7.3.4 **Funtani**

Is-Sindku spjega li saru laqgħat ma l-MTA u l-PWD sabiex jiġu imsewwija l-funtani ta' ġnien indipendenza u dik ta' Johnny Navarro.

Il-pompi għal dawn il-funtani ser jintxtraw sa Jannar u jiġu nstallati.

Il-funtana tal-ballun, ser tiġi msewwija ukoll. Is-Sindku sostna li sa l-ewwel tlett xhur ta' 2025 ikunu qed jaħdmu kollha.

7.3.5 **Ferro Bay Public Convenience**

Is-Sindku qal li t-tender ġie aġġudikat u f'Jannar ser isiru numru ta' laqgħat sabiex isir programm tax-xogħolijiet.

Il-kunsillier Zack Zammit ħareġ mill-laqgħa fis-7:20pm

- Il-kunsilliera V Galea Pace qalet li hemm bżonn illi jkun numru ta' doċoċ anke fuq barra tal-latrini pubbliċi li jkunu ġdejn l-baħar
- Is-Sindku ddikjara li hu ma jaqbilx li jkun hemm doċoċ għaliex in-nies jkunu jridu doċoċ f'kull żona ta' l-għawm madawr tas-Sliema.

Is-Sindku kompla jgħid illi ser isir xogħol ta' titjib fil-latrini tat-Torri minn kumpanija li jbiegħu kmamar tal-banju u tagħmir relatat bħala CSR.

Il-kunsillier Zack Zammit reġa daħal lura għal laqgħa fis-7:25pm

7.3.6 **Proġett ta' Triq Imrabat**

Is-Sindku qal li fuq inizjattiva tiegħu u wara laqgħa ma l-Infrastructure Malta kien hemm qbil li jinżiraw siġar bi spejjes tagħhom

7.3.7 **Hanukkah - Menorah**

Is-Sindku spjega li l-kunsill irċieva email mill-kommunita' Lhudija ta' tas-Sliema sabiex ikunu jistgħu jarmaw il-Menorah fi Pjazza Sant'Anna matul il-perijodu tal-Milied.

Is-Sindku saqsa lis-Seg. Eżek. sabiex jaqra l-korrispondenza li jrċieva l-kunsill mill- kommunita' Lhudija.

Kunsillier R Borg ġibed l-attenzjoni li wieħed għandu dritt jippratika ir-reliġjon li jhossu komdu u li jrid. Il-Kunsillier R Borg talab li tas-Sliema issibu soluzzjoni sabiex il-Lhud Slimiżi u prattikanti ebrej jistaw jiċċelebraw Hanukkah. Kompla jgħid li jista' jinstab kompromess billi l-Menorah tintrama fil- pjazza quddiem l-għassa tal-Pulizija.

Wara diskussjoni dwar dan mill-kunsillieri preżent, s-Sindku talab vot:

Taqblu li jintrama l-Menorah f'tas-Sliema?

**Kunsillieri li jaqblu:**
**Viċi Sindku, K.Wain, J. Dougall, R.Borg, D.Soler, J.Higgans u Joe.A**

**Kunsillieri li ma jaqblux:**
**Sindku, E.Borg, V.Galea Pace**

**Astenzjoni:**
**Z.Zammit**
**Kien hemm qbil mill-kunsillieri preżenti li l-Menorah tintrama fil-pjazza quddiem l-għassa tal-Pulizija u jingħataw supply tad-dawl.**

Il-kunsillier K.Wain ħareġ mill-laqgħa fis-7:44pm

7.3.8 **Monument Triq Bisazza**

Is-Sindku qal li sa qabel il-Milied il-monument fi triq Bisazza ser ikun lest.

## 7.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI;

7.4.1 Il-Kunsillier Z. Zammit spjega li hemm bżonn li jiġu nstallati iktar CCTVs madwar il-lokalita' sabiex jitnaqqas ir-remi ta' skart abbusiv.

Kompla jgħid li ħdejn iċ-ċentru ta' San Girgor hemm bżonn li jibdew isiru *spot-checks* jew titjib taż-żona ħalli jervi ta' diterrent.

Il-Viċi Sindku fakkar li l-kunsill kellu jibda jingaġġa l-MRU biex iduru fil-lokalita'.

Il-kunsillier K. Wain reġa daħal lura għal laqgħa fis-7:48pm

Is-Sindku spjega li wara l-kommunikazzjoni li l-kunsill kellu ma l-MRU dawn qalu la ma kellhomx biżejjed nies (riżorsi umani) sabiex ikopru l-lokalita' tagħna.

Il-kunsillier E. Borg ħareġ mill-laqgħa fis-7:50pm

7.4.2 Il-kunsillier J. Dougall staqsa dwar id-dawl ta' triq Bisazza.

Is-Sindku qal li saru l-lampi kollha f'din it-triq u x-xogħol ser jitlesta sa l-aħħar ta' Jannar.

Il-kunsillier E. Borg reġa daħal lura għal laqgħa fis-7:58pm

7.4.3 Il-kunsillier K.Wain qal li kien importanti li wara d-diskors negattiv li sar minn xi residenti fir-rigward tad-dawl tal-Milied, il-KL joħroġ stqarrija fejn jispjega fid-dettal x'kien il-problemi u l-ammonti ta' flus li l-kunsill kien ser jonfoq din is-sena. Hu talab għall-approvazzjoni mill-kunsillieri preżenti.

**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti.**

## 7.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI;

7.5.1 **Sotto-Kumitat ta' l-UE u l-AirBnB u Kumitat Finanzi:**

Il-Kunsillier R. Borg qal li bħalissa hemm numru ta' proġetti għaddejjin f'numru ta' pajjiżi fl-UE dwar l-isports. Kompla jgħid li l-KL jixraqlu japplika għal dawn it-tip ta' proġetti. Hu qal li ser jibgħat l-informazzjoni lil KL.

7.5.2 Il-Kunsillier R. Borg spjega li sa l-aħħar ta' Jannar ser ikollu laqgħa ma l-avukati tal-KL sabiex jibda l-proċess tal-bye-law. Staqsa lis-Sindku biex jikkunsidra li s-sotto kumitat ta' l-Airbnb dan jinbidel għal Sotto Kumitat ta' l-Akkomodazzjoni.

**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti li l-isem jinbidel f' Akkomodazzjoni.**

7.5.3 Il-Kunsillier K. Wain issuġġerixxa biex tiġi posposta d-data tal-full day seminar.
Dan is-suġġeriment ġie milqugħ mis-Seg. Eżek.

7.5.4 Il-Kunsillier D. Soler staqsa x'inhi l-proċedura sabiex jinbeda pjan ta' latrina pubblika ġewwa Xatt is-Sajjieda. Is-Seg. Eżek. spjega li l-ewwel il-KL irid jikteb uffiċċjalment lid-Dipartiment ta' l-Artijiet sabiex jara jekk l-art inkwistjoni tistax tiġi devoluta lill-KL.

## 7.6 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT QR 3

7.6.1 Ġie ppreżentat ir-rapport il-QR 3 mis-Seg. Eżekuttiv. *Rapport tal-QR3*
**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti.**
Il-Kunsillier R. Borg ippropona l-approvazzjoni tar-rapport QR3 u kien s-sekondat mill-kunsillier L. Borg.
*Il-Kunsillier Z Zammit ħareġ mill-laqgħa fit-8:47pm u daħal fit-8:50pm*

7.6.2 Is-Seg. Eżek. għamel preżentazzjoni dwar it-tieni fażi tar-rinnovazzjoni ta' l-uffiċċju. Hu spjega li irid isir investiment qawwi sabiex il-kunsill ikollu sala fejn jiltaqa', f'ambjent modern fejn l-impjegati jagħtu l-aħjar servizz u post li jilqa' lir-residenti. *Rinnovazzjoni ta' l-uffiċċju 2025*
**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti.**

## 7.7 APPROVAZZJONI GĦAL POST VAKANT GĦAL SKRIVAN/A

***Il-laqgħa ġiet sospiża fid-9:17pm***

7.7.1 Is-Seg. Eżek. spjega lill-kunsillieri preżenti s-sitwazzjoni attwali tax-xogħol ta' l-impjegati fi ħdan l-uffiċċju tal-KL u saqsa jekk il-kunsill japprova li tiġi mpjegata persuna fix-xhur li ġejjien. *Post vakant skala 15*
**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti.**

## 7.8 APPROVAZZJONI GĦAL TRASFERIMENT TA' FONDI MINN SKEMA SPI/SCI/06/2020 GĦAL SKEMA SPI/SCI/02/2021

7.8.1 Is-Seg. Eżek. spjega lill-kunsillieri preżenti, li l-fondi li kienu ser jintefqu mill-iskema għal proġett ta' żona pedonali fi Triq Howard ma Triq S. Adrian Dingli (SPI/SCI/06/2020) b'total ta' EUR254,145.149, ser jiġu trasferiti għal proġett ta' rinnovazzjoni ta' Ġnien Bonello Du Puis, taħt l-iskema (SPI/SCI/02/2021) dan għaliex il-proġett tal-ġnien beda f'nofs ix-xahar t'Ottubru ta' din is-sena (2024).

Is-Seg. Eżek. kompla jispjega li l-KL kellu jikkanċella t-tender tal-proġett taż-żona pedonali peress li kien rċieva sejħa waħda biss u l-ammont tas-sejħa kien jeċċedi l-*financial bid* tat-tender.

Għaldaqstant wara din l-ispjegazzjoni s-Sindku talab lil kunsillieri preżenti jekk kien hemmx qbil dwar dan.
**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti.**

## 7.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

7.9.1 Is-Sindku ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-kunsillier D. Soler ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti hekk kif emendati u l-Kunsillier K. Wain issekondah.
**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti.**

## 7.10 MOZZJONIJIET

7.10.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

## 7.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

7.11.1 Is-seduta ntemmet fid-9:35pm. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tlieta 28 ta' Jannar 2024 fis-6pm.

Minuti approvati llum : 28 ta' Jannar 2025

| | |
|---|---|
| **John Pillow** | **Pierre P Portelli** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |